# ATT FINALI

Il-Plenipotenzjarji ta':

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TA' L-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TA’ L-OLANDA,

IR-REPUBBLIKA TA’ L-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TA’ L-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRETTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

il-Partijiet Kontraenti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
minn hawn ’il quddiem l-“Istati Membri”, u tal-

KOMUNITÀ EWROPEA u l-KOMUNITÀ EWROPEA TA’ L-ENERĠIJA ATOMIKA,
minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Komunità"

fuq naħa waħda, u

il-plenipotenzjari tar-REPUBBLIKA TAL-MONTENEGRO,
minn hawn 'il quddiem imsejħa ‘il-Montenegro’,

fuq in-naħa l-oħra,

li qegħdin jiltaqgħu fil-Lussemburgu fil-15 ta' Ottubru 2007 għall-Iffirmar tal-Ftehim ta’ Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, fuq naħa waħda, u l-Montenegro fuq in-naħa l-oħra, minn hawn ’il quddiem “dan il-Ftehim”, adottaw it-testi li ġejjin:

dan il-Ftehim u l-Annessi I sa VII tiegħu, jiġifieri:

L-Anness I (Artikolu 21) – Il-konċessjonijiet tariffarji tal-Montenegro għal prodotti industrijali Komunitarji

L-Anness II (Artikolu 26) – Definizzjoni ta' prodotti "laħam taċ-ċanga għat-trabi"

L-Anness III (Artikolu 27) – Il-konċessjonijiet tariffarji tal-Montenegro għal prodotti agrikoli Komunitarji

L-Anness IV (Artikolu 29) – Il-konċessjonijiet Komunitarji għall-prodotti tal-ħut tal-Montenegro

L-Anness V (Artikolu 30) – Il-konċessjonijiet tal-Montenegro għall-prodotti tal-ħut Komunitarji

L-Anness VI (Artikolu 52) – L-istabbiliment: "servizzi finanzjarji"

L-Anness VII (Artikolu 75) – Id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, industrijali u kummerċjali

u il-Protokolli li ġejjin:

Il-Protokoll 1 (Artikolu 25) – Il-kummerċ fi prodotti agrikoli pproċessati

Il-Protokoll 2 (Artikolu 28) – L-inbid u l-prodotti alkoħoliċi

Il-Protokoll 3 (Artikolu 44) – Id-definizzjoni tal-kunċett ta’ “prodotti li joriġinaw” u l-metodi ta’ koperazzjoni amministrattiva

Il-Protokoll 4 (Artikolu 61) – It-trasport fuq l-art

Il-Protokoll 5 (Artikolu 73) – L-għajnuna mill-Istat lill-industrija ta' l-azzar

Il-Protokoll 6 (Artikolu 99) – Għajnuna amministrattiva reċiproka fi kwistjonijiet doganali.

Il-Protokoll 7 (Artikolu 129) –Soluzzjoni ta' tilwim

Il-Protokoll 8 (Artikolu 132) - Prinċipji ġenerali għall-parteċipazzjoni tal-Montenegro fi programmi tal-Komunità.

Il-Plenipotenzjarji ta’ l-Istati membri u tal-Komunità u l-Plenipotenzjarji tar-Repubblika tal-Montenegro adottaw it-testi tad-dikjarazzjonijiet konġunti elenkati hawn taħt u annessi ma’ dan l-Att Finali:

Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 75

Il-plenipotenzarji tal-Montenegro ħadu nota tad-Dikjarazzjoni elenkata hawn taħt u mehmuża ma' dan l-Att Finali:

Dikjarazzjoni mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha